**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Mejju, 2018

Rikors numru : 442/17 AL

A B
Vs
C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewwgu fis-6 ta' Mejju tas-sena elfejn (2000) u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom numru tlieta, tnejn, erba`, erba` - (3244/2017) hawn anness u mmarkat bhala Dok. CB1;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat in atti tan-Nutar Dottor Clarissa Cuschieri fit-tieni (2) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2012) hawn anness u mmarkat bhala Dok. CB2A).

Illi minn dan iz-zwieg taghhom il-partijiet kellhom zewg t'itfal, illkoll minorenni;

Illi l-partijiet ilhom separati ghal aktar minn erba` (4) snin;

Illi r-rikorrenti jiddikjara li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reciproci dwar manteniment;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikjolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid- divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha ddikjarat :

Illi huwa minnu li l-partijiet izzewgu f' Mejju tas-sena 2000 u li ilhom legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Clarissa Cuschieri datat 2 ta' Awwissu, 2012;

Illi minkejja dan l-esponenti topponi t-talbiet tar-rikorrent u dan ghaliex hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrent ma ottemperax ruhu mal-klawsola numru erbatax (14) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni, liema klawsola tirregola l-modalita` u l-ammont ta' manteniment pagabbli lill-esponenti bhala manteniment ghall-minuri Jessica u Jade B – it-tfal minuri tal-partijiet;

Illi skont din il-kawsola ir-rikorrent ghandu jhallas s-somma ta' hames mitt ewro (€500) kull xahar, fl-ewwel gurnata tax-xahar. Illi inoltre u

dejjem skont dak maqbul bejn il-partijiet fl-imsemmi kuntratt, l-ammont ta‘ dan il-manteniment kellu jigi awmentat kull sena u dan skont l-gholi tal-hajja (cost of living index) hekk kif jirrizulta bl-aktar mod car mill-istess klawsola numru 14.

Illi nonostante dak pattwit bejn il-partijiet, ir-rikorrent baqa` jhallas biss l-istess ammont ta‘ hames mitt ewro fix-xahar u mhux l-ammont rivedut hekk kif kellu jaghmel skont il-kuntratt u ghaldaqstant kontrarjament ghad-dikajrazzjoni tar-rikorrent fil-fatt hemm ammonti li huma dovuti fuq hlas ta‘ manteniment, dovut lill-esponenti ai termini tal-artikolu 14 tal-kuntratt tas-separazzjoni tal-partijiet;

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, f'dan l-istadju, l-esponenti topponi ghat-talba ta‘ divorzju tar-rikorrent u fil-fehma taghha t-talbiet ghandhom jigu michuda u dan stante li ma jezistu r-rekwiziti mehtiega ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Marzu, 2018;

Rat illi minkejja l-fatt li l-intimata inizjalment kienet opponiet ghal dan id-divorzju, il-Qorti giet informata li l-partijiet kienu waslu fi ftehim u jaqblu li l-Qorti tilqa` t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur, kemm il-darba tigi nkorporata fis-sentenza l-ftehim li ntlahaq bejn il-partijiet u li gie pprezentat fil-Qorti permezz ta' nota kongunta waqt is-seduta tas-26 t' April 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruva illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta’ Awwissu 2012;

Illi l-Qorti rat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi skont kif irrizulta mill-ftehim milhuq bejn il-partijiet, l-awment indikat fir-risposta tal-intimata huwa fil-fatt dovut mir-rikorrent;

Illi skont il-workings tan-National Statistics Office li ntbaghtu minn Roxanne Caruana permezz ta’ email lill-avukat Dr. Martha Travers Tauss f’email datat 30 ta’ Jannar 2018, hemm spjegazzjoni tal-awment tal-manteniment mis-sena 2013 sas-sena 2018;

Illi dejjem skont l-istess workings tan-National Statistics Office il-manteniment ghas-sena 2018 huwa ta’ hames mija u sebgha u tletin euro fix-xahar (€537);

Illi l-arretrati fuq l-awment tal-manteniment tat-tfal, dejjem skont il-kuntratt ta’ separazzjoni, jammontaw komplessivament ghal elf u tlett mitt euro (€1,300);

Illi l-partijiet qeghdin jaqblu li mill-pagament ta’ manteniment li jmiss, ir-rikorrent A B ser ihallas somma ta’ sitt mitt euro fix-xahar (€600) u dan in kwantu ghal hames mija, sebgha u tletin (€537) bhala l-ammont ta’ manteniment awmentat ghas-sena 2018, u l-kumplament biex jaqta` l-arretrati, u dana sakemm jinqatghu l-arretrati kollha li ghad fadal;

Illi l-partijiet, u partikolarment ir-rikorrent A B jobbliga ruhu li jaderixxi ma’ kull awment futur;

Ghal kull buon fini, il-partijiet jiddikjaraw illi fix-xhur ta’ Frar 2018 sa April 2018, effettivament ir-rikorrent A B hallas l-ammont ta’ hames mija u hamsin euro (€550) fix-xahar ghall-manteniment tat-tfal.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur

tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.